**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum il-Gimgha 22 ta' Dicembru, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**vs.**
**Keith Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Keith Grech ta' 28 sena, iben Mario u Emily nee' Falzon imwieled nhar it-28 ta' Ottubru 1979, San Giljan, u residenti 352, Triq Napuljun Tagliaferro, Pembroke u detentur tal-karta ta' l-identita' 16280M

Akkuzat talli:

f'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' Mejju 2008 ghal habta ta' 03:25 am barra l-Havana Bar, sitwat fi Triq San Gorg, San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Ryan Degabriele.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' Ryan Degabriele, jew sabiex tinzamm il-bon ordni

pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex din il-kawza tigi ttrattata bil-procedura sommarja, u rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

L-uniku fatt li l-partijiet jaqblu fuqu f'din il-kawza hu li f'dan l-incident l-imputat xejjer idejh li fiha kellu tazza tal-hgieg fid-direzzjoni ta' Ryan Degabriele, li konsegwenza ta' dan sofra lacerazzjoni fuq mohhu n-naha tax-xellug, in-naha laterali ta' cirka 2.5cm u kellu grif fuq mohhu u fuq wiccu u fuq widnejh, ghalkemm ma jirrizultax mill-provi li kellu bzonn li jsiru punti.[1]

Pero hemm divergenza totali bejn it-tezi tal-Prosekuzzjoni u dik tad-difiza dwar il-fatti li wasslu sabiex tigi ikkagunata din il-ferita. Ghalhekk il-Qorti se tirriproduci fil-qosor iz-zewg versjonijiet.

*Il-versjoni tal-Prosekuzzjoni*

1. Ryan Degabriele qal li kien il-Havana, stabbiliment go Paceville, u nqala' argument bejn it-tfajla tieghu u l-ex tfajla tieghu Caroline McKay.
2. Degabriele jghid li hu mar iferraqhom.
3. Huma telqu mill-Havana, izda wara xi nofs siegha jew tlett kwarti rega' mar quddiem il-Havana, biex ikellem lill-ex tfajla tieghu, Caroline Mckay.

[1] Ara xhieda ta' Dottor Alison Fava a fol. 21 tal-process.

4. Waqt li kien qed ikellimha, gie l-imputat minn warajh u tah daqqa ta' tazza f'wiccu.
5. Degabriele cahad li f'xi hin hu kellu xi argument u ta xi daqqa lit-tfajla tal-imputat Sharon Farrugia.
6. Degabriele jghid ukoll li hu qatt ma kien ra lill-imputat qabel dan l-incident, u ma jafx ghalfejn l-imputat tah id-daqqa.

*Il-Versjoni tad-Difiza*

1. L-imputat jghid li hu kien qieghed gewwa Flashback il-Havana mat-tfajla tieghu Sharon Farrugia.
2. Sharon Farrugia marret tkellem lil habiba taghha, Caroline McKay.
3. Degabriele mar ikellimhom u taha daqqa ta' harta lil Sharon Farrugia.
4. Sharon Farrugia marret lura hdejh, u ftit wara inqalghet kommossjoni fejn kien hemm Degabriele, u intervenew is-security.
5. Sharon Farrugia marret hdejn l-imputat u bdiet tilmenta li kellha ugiegh f'ghonqha, u l-imputat mexxiha lejn il-bieb ta' barra tal-Havana.
6. Sharon bdiet tispjegalu kif Degabriele kien johrog ma' Caroline McKay, u probabbilment ried johrog maghha.
7. Malli hargu, l-imputat jghid li gie wicc imb'wicc ma' Degabriele, li kien qed jitkellem ma' McKay.
8. L-impuat jghid li Degabriele beda jhares lejn Sharon. L-imputat hasbu ser jerga' jaghti daqqa lil Sharon, u ressaq lil Sharon fil-genb, u hareg idu l-ohra biex jilqa lil Degabriele u jressqu l-boghod. Degabriele kien ragel bi statura kbira. Pero l-imputat jghid li nesa li kellu tazza f'idu u laqat lil Degabriele fuq mohhu.
9. Huma qabdu jiggieldu bl-idejn, sakemm gew il-Pulizija iwaqqfuhom.
10. L-imputat jghid li hu ma kienx jaf lil Degabriele qabel dak in-nhar.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

*Kwistjoni Preliminari – L-Ammissibilita' tal-Istqarrija tal-Imputat*

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tikkonsidra jekk hux il-kaz li tiskarta l-istqarrija tal-imputat, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Pero fil-kaz odjern, fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat ghamel ampja riferenza ghal dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu. Fid-dawl tal-fatt li l-avukat difensur tal-imputat stess ghamel riferenza ghal dak li qal l-imputat lill-Pulizija, qabel kellu l-opportunita' li jiehu parir legali, u dan sabiex jissostanzja l-istess tezi tad-difiza, il-Qorti ma tarax li l-insenjament fil-kawza **Borg vs Malta**, japplika ghall-fattispecje tal-kaz odjern.

Issa l-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fil-meritu.

*Kunsiderazzjonijiet fil-Meritu*

Ir-rizoluzzjoni ta' dan il-kaz iddur fuq il-kredibbilita tax-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u dik tal-imputat.

Din il-Qorti ma ssibx il-versjoni tal-fatti ta' Degabriele kredibbli, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Ghalkemm fix-xhieda tieghu Degabriele jichad li hu kellu xi argument u ta xi daqqa lit-tfajla tal-imputat, Sharon Farrugia, l-ex tfajla ta' Degabriele, Caroline McKay, li kienet hdejhom, xehdet li rat lil Degabriele jimbotta lil Farrugia u semghethom jargumentaw.

2. L-imputat kien prezenti u ra lil Degabriele jaghti daqqa ta' harta lit-tfajla tieghu Sharon Farrugia, pero huwa pacifiku li f'dak l-istadju l-imputat ma ghamel xejn.

Kieku l-imputat ried ipattiha lil Degabriele talli sawwat lit-tfajla tieghu, kien imur dak il-hin stess itih daqqa bit-tazza, u mhux itih id-daqqa kiesah u biered tlett kwarti wara, kif xehed Degabriele.

3. Ghalkemm Degabriele u McKay xehdu li l-imputat gie minn wara Degabriele u tah daqqa bit-tazza, din il-versjoni tal-fatti mhix kompatibbli mal-ferita li skond Dottor Alison Fava, sofra Degabriele, u cioe lacerazzjoni fuq mohhu in-naha tax-xellug laterali. Kieku l-imputat gie minn wara Degabriele, l-ferita kienet tkun fuq il-parti ta' wara ta' gismu, u mhux fuq mohhu. Il-fatt li l-ferita hija fuq mohh Degabriele juri li d-daqqa tal-imputat giet minn quddiem u mhux minn wara.

4. Lanqas hija kredibbli l-asserzjoni ta' Degabriele fix-xhieda tieghu, li ma jafx ghaliex l-imputat mar itih daqqa bit-tazza.

Min-naha l-ohra, il-versjoni tal-fatti tal-imputat hija pjuttost konsistenti. L-unika inkonsistenza materjali li tezisti hija bejn il-verzjoni tal-fatti li ta' fl-istqarrija tieghu, u dik li ta' fid-darbtejn li xehed quddiem il-Qorti. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li hu ta d-daqqa lil Degabriele ghaliex Degabriele beda jharislu bl-ikrah u haseb li kien ser ihebb ghalih u beza peress li Degabriele fih statura ikbar minn tieghu. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat jghid li Degabriele beda jhares bl-ikrah lejn it-tfajla tieghu Sharon Farrugia, u beza li kien ser jerga' jtiha daqqa ohra. Hu jghid li biex jipprotegiha imbuttaha warajh, u hareg idejh biex jimbotta lil Degabriele u laqtu f'mohhu.

Pero sew jekk l-imputat kien qed jibza' li Degabriele kien ser ihebb ghalih u sew jekk kien qed jibza' li kien ser ihebb ghat-tfajla tieghu, jibqa' l-fatt, u l-Qorti m'ghandhix dubbju, li l-imputat kien qed jibza' minn aggressjoni ohra min-naha ta' Degabriele, li ftit tal-hin qabel kien ghadu kemm ta daqqa' ta' harta lit-tfajla tieghu.

Fl-ewwel lok, id-difiza qed tissottometti li Degabriele ma sofriex ferita gravi, ghax il-ferita ma saritx fil-wicc u lanqas hemm provi li kien hemm bzonn li jsiru punti, jew jekk hallitx xi marka. Skond ix-xhieda ta' Dottor Fava, Degabriele sofra lacerazzjoni ta' cirka 2.5cm fuq in-naha tax-xellug laterali ta' mohhu. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-wicc ma jikkonsistix biss fil-parti frontali, imma wkoll fil-parti laterali, u ghalhekk m'ghandhix dubbju li Degabriele sofra ferita fuq wiccu.

Rigward il-kwistjoni jekk din il-ferita ghandhix titqies bhala gravi, ghax sfreggjanti o meno, din il-Qorti taghmel riferenza ghall-insenjament fis-sentenza **Il-Pulizija v. Francis Dingli** deciza fit-12 ta' Settembru 1996, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali[2] spjegat hekk: *"L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postiijiet tal-gisem, fosthom il-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sieghat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi* ***u*** *permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) jekk hemm sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghall-konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfregju, anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."*[3] (sottolinear u enfasi ta' dik il-Qorti)

Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, lacerazzjoni ta' 2.5cm fuq il-mohh m'hix wahda insinifikanti, u anke jekk ma kienx hemm bzonn li jsiru punti, certament dan l-isfregju kien vizibli ghal numru ta' granet, sakemm il-ferita ghalqet. Konsegwentement, Degabriele sofra ferita gravi ai termini tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

It-tieni tezi difensjonali hija dik ta' eccess ta' legittima difeza. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana**, deciza fil-5 ta' Frar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali[4] irriteniet illi *"L-eccess ta' legittima difeza hu dovut ghan-nuqqas ta' proporzjonalita jippostula necessarjament l-estremi tal-legittima difeza, b'dan li wiehed ikun mar oltre dak li kien strettament mehtieg."*.

---

[2] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano.
[3] Ara wkoll fl-istess sens **Notes on Criminal Law** ta' **Prof. A.J.Mamo** a fol. 228.
[4] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali[5] fis-26 ta' Awissu 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro** gie ritenut illi: *"Mhux kull minnn "jagixxi biex jiddefendi ruhu" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu* (l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali). *Il-ligi titkellem car dwar il-"bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli."* (sottolinear ta' dik il-Qorti)

Ghalhekk id-difiza trid tkun saret sabiex jigu evitati konsegwenzi li jekk javveraw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lill-imputat jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem ta' l-imputat jew ta' haddiehor. L-imputat irid jipprova li dak li ghamel ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita il-perikolu li ma setax jigi evitat b'mod iehor. Jigifieri l-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu irid ikun ukoll assolut, cioe li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u s-sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid seta' ghamel jew xi jmissu ghamel l-imputat qabel ma ha l-azzjoni in difiza bl-uzu tal-forza. Kif jghid il-Professur Mamo *"the danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif fuq esposti, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li hu ta d-daqqa lil Degabriele ghax, hasdu meta sabu ma wiccu, kif hareg mill-Havana mat-tfajla tieghu. Mill-harsa u l-kompartament ta' Degabriele, li ftit qabel kien ghadu kemm ta daqqa' ta' harta lit-tfajla tieghu, l-imputat genwinament beza' li dan kien se jhebb ghalih jew ghat-tfajla tieghu, u kien pront irreagixxa preventivament biex jevadi dan il-perikolu. Pero tenut kont li Degabriele kien ghadu ma resaqx lejh, u kien ghadu ma ghamillu xejn, l-imputat mar oltre dak li kien strettament mehtieg, ai termini tal-Artikolu 227(d) tal-Kodici Kriminali, li hu rez applikabbli ghall-offizi skuzabbli fuq il-persuna bl-Artikolu 230(d) tal-Kodici Kriminali.

[5] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano, Vol. LXXXII-Part 4- pag. 294

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali aggiornata tal-imputat, li ghalkemm m'hix allarmanti, lanqas hi wahda ezemplari. L-imputat ghandu tlett kundanni minn dawn il-Qrati, wahda relatata ma' ksur tal-ligijiet tas-sewqan, wahda ta' pussess semplici tad-droga ecstacy u t-tielet wahda ghal kontravvenzjonijiet ta' ingurja u theddid, b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Pero, ma jirrizultax li l-imputat huwa xi persuna li hu ta' xi theddida ghas-socjeta, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-fatt odjern, il-Qorti hija tal-opinjoni li ma jkunx opportun li teroga piena ghal dan ir-reat ai termini tal-Kodici Kriminali, izda huwa idoneu li tordna mizura taht il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 216(1)(b), 223, 227(d), 230(d) u 233(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-imputat il-portata ta' din is-sentenza.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**